**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**SEDUTA TAD-DISTRETT TAS-SLIEMA**

Illum, 16 ta' Mejju 2024

Każ Numru: 3140/2023

**IL-PULIZIJA**
**--vs--**
**Daniel Xuereb**
(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 585292 (M))

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Daniel Xuereb, iben Francis Xuereb u Jennifer nee Grima, imwieled Pietà, nhar id-9 ta' Diċembru 1992, u residenti 122A, Odin Crt, Fl. 2, Triq il-Ġdida, Paola, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 585292 (M), akkużat talli nhar it-8 ta' Marzu 2023 u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Gżejjer Maltin:
"...

1. *Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Gordon Manche. Art.339(1)(e) Kap.9*
2. *Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamilt użu ieħor mhux xieraq bih. Art.49(c) Kap.399"*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Gordon John Manche skont l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet ix-xhieda.
Rat l-atti-proċesswali.
Semgħet t-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**A. Fatti tal-każ**

Illi in sostenn tal-akkużi miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. Affidavit ta' PS455 G. Bugeja minn fejn jirriżulta li fil-11 ta' Marzu 2023 f'12:00hrs, il-parti lesa għamlet rapport ġewwa l-Għassa Tas-Sliema li fit- 8 ta Marzu kien ra video fuq il-pjattaforma diġitali Tiktok fejn huwa kien safa insulentat. Minn investigazzjoni tal-Pulizija l-persuna li tidher fil-video giet identifikata bħala dik tal-imputat. Ittieħdet stqarrija tal-imputat, wara li huwa għażel li ma jkunx assistit minn avukat, u iffirma l-imsemmija dikjarazzjoni. Sussegwentement inħargu akkuzi fil-konfront tal-imputat.

2. L-ispettur Eman Hayman xehed waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu 2024 li kien sar rapport fil-11 ta' Marzu 2023 mil-parte ċivile Gordon Manche rigward video fuq Tiktok dwar stand-up comedy mil-imputat Daniel Xuereb. Fil-filmat l-imputat waqt l-istand-up comedy skitt għamel eloġju żgħir lill-Matt Bonanno, u sussegwentement kien insolenta lil Gordon Manche billi qallu 'asshole', u aktar tard kien għamel ġist b'subgħajh tan-nofs. Wara li xi ħadd mhux magħruf mill udjenza qal "Fuck you Gordon", l-imputat kien irrepeta dan il-kliem "Fuck you Gordon", kif ukoll din id-darba qisu 'l barra mill-isfera taċ-ċajta qallu "Fucking asshole."

   Huwa kien kellem lil imputat Daniel Xuereb, li kien irrifjuta d-dritt tal-avukat mogħti lilu mis-surġent 455 (waiver tad-dritt tal-avukat ppreżentat u mmarkat bħala Dok EM1). Huwa għaraf lill-imputat fl-awla. Huwa ippreżenta ir-recording ta' dan it-Tiktok video li ġie saved minnu fuq CD (Dok EM2). Huwa għaraf l-affidavit kif ukoll ir-rapport li kien sar nhar il-11 ta' Marzu 2023 mill-indikat Gordon Manche.

In kontroeżami mistoqsi jekk dan kienx kollu parti minn comedy skitt, jew parti minn ċajta, ix-xhud jgħid li l-imputat jibda bil-comedy skitt veru, imbagħad jgħaddi għall eloġju lill Matt Bonanno, mbagħad kien hemm din l-ispring board biex propriju jinsulenta lil Gordon Manche. Il-video mhux kollu 'a comedy skitt'.

Mistoqsi għalfejn bħala uffiċjal prosekutur ma ħasx li l-artikolu 339(3) japplika f'dan il-kaz, l-uffiċjal prosekutur jgħid li huwa ħareġ l-akkużi taħt l-artikolu 339(1)(e).

3. Il-parte ċivile Gordon Manche xehed waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu 2024 fejn qal li l-video ikompli iżid il-gideb, l-odju u inċitament għall-aggressjoni kontra tiegħu kif ukoll kontra l-familja tiegħu partikolarment iż-żewġ ulied żgħar u l-mara. Huma jħossuhom mhedda u fil-perikolu. Dwar dan il-każ jgħid li ntqal kliem oxxen, u gideb li instiga ħafna nies oħra iżidu ma' dak il-gideb. Jgħid li l-għar waħda kienet meta fl-aħħar tal-video qal li "Għandna nagħmlulu carpet bombing lir-River of Love." Jgħid li hu jqis comedy skit il-kelma li ntużat 'asshole', imma apparti dan kien hemm l-instigament ta' perikolu, ta' threats. Dan instiga ħafna odju kontra x-xhud u kontra River of Love, u kollu bbazat fuq gideb. Jien ħassejtni bħal ħafna drabi, f'ħafna perikolu.

Ix-xhud ippreżenta dokumenti li ġew immarkati bħala Dok GM1 sa GM5 li juru li huwa ġie mgħajjar, insultat bi kliem oxxen. Dwar artikolu bit-titolu 'Biggest Asshole Homophibic Sect' jgħid li huwa pastor ta' knisja evanġelika u mhux ta' xi setta.

Hu jgħid li wara li nxtered il-video, hu fuq livell personali u anke l-familja tiegħu aktar minn darba ġew insultati u litteralment mgħajjra fit-triq, jew inkella jgħolluli s-suba' tan-nofs minn xi ħadd u jibda joffendini. Dan il-video peress li sfortunatament jarawħ ħafna tfal wassal biex anke t-tfal tiegħu fl-iskola spiċċaw fil-mira.

Jgħid li l-ħajja tiegħu nbidlet kawza ta' dan il-video. Żdiedlu l-istress u beda joqgħod attent għan-nies ta' madwaru peress li dawn bdew jesprimu odju u redikolaġni fil-konfront tiegħu. Beda jħossu daqsxejn imbezza' fejn kien imur. Beda jevita li jkun waħdu, u jagħti każ tal-ħin tal-ġurnata ma jmurx isib lill xi ħadd jipprova jweġġa' lilu jew lil uliedu jew lil martu.

In kontroeżami jikkonferma li huwa public figure, u li jafuħ ħafna nies. Mistoqsi jekk qabel il-video huwa qattx irċieva kummenti, huwa jgħid li iva imma mhux daqskemm saru wara

dan il-video. Fuq referenza tal-avukat difensur għal intervista li hu ta' lit-Times of Malta li ġiet ppubblikata fid-9 ta' Lulju 2023 fejn ingħad li hu qal "Jekk xi ħadd irid jgħajjar lili għax tagħtih xi ferħa go for it", hu jikkonferma li dan kien kliemu. Mistoqsi x'inhi d-differenza bejn dak li huwa ta' il-go ahead għalih u l-kumment li sarlu 'asshole', jgħid li dan ma jaqax fl-istess kategorija peress li ġiet instigata u inkoraġjuta l-vjolenza.

Mistoqsi jikkonferma li f'din l-intervista tad-9 ta' Lulju 2023, jgħidx "Jien ma rrapportjat l-ebda artist minħabba xi ċajt pervers", jgħid li huwa qatt ma rrapporta lill-ebda artist minħabba għax qalu asshole. Jgħid li hu irrapporta għax instigaw il-vjolenza u l-bombing.Huwa jikkonferma li l-problema hija dwar li jibbumbardjaw u li tfisser biex iġibu u jpoġġu lil xi ħadd f'perikolu fizikament.

Mistoqsi jekk jaqbilx li fil-video l-imputat kien qed jikkwota lil xi ħaddieħor dwar il-carpet bombing, jgħid li "kien qed jinkoraġġih li dak li qal, iva hekk għandu jsir".

Mistoqsi jekk l-imputat f'dak l-istess video wara li jsemmi l-carpet bombing tas-sur Matt Bonanno jgħid "I am joking", ix-xhud jikkonferma pero jtella' subgħajh tan-nofs. Ix-xhud jikkonferma li l-aktar li dejqu kien it-theddid tal-bombing, u l-vjolenza tal-bombing. Min jisma l-video mhux se joqgħod jgħid jekk hux carpet, jew xi tip ieħor ta' bombing. Bombing għalih tfisser li teqred, tneħħi min-nofs, toqtol. Huwa jikkonferma li l-video bgħatulu n-nies u ma kienx l-imputat li bgħatulu.

Mistoqsi jekk il-problema kinitx ghax l-imputat għajjru "the biggest asshole of Malta", ix-xhud jgħid li dan ma kienx il-kaz.

## B. Konsiderazzjonijiet Preliminari

Waqt il-prosegwiment tal-kawża eżattament waqt ix-xhieda in kontroeżami tal-uffiċjal investigattiv u prosekutur, kif ukoll waqt it-trattazzjoni finali l-avukat difensur jagħmel referenza għall artikolu 339(3), liema artikolu ddaħħal fil-Liġi nostrana permezz tal-Att Nru. XXIX tal-2023. L-artikolu jgħid hekk:

> *"339. ...(3) Il-paragrafu (1)(e) sa fejn jirreferi għat-tlissin ta' insulti u theddid għandu jiġi interpretat sabiex iħalli lok għal-libertà tal-espressjoni artistika u*

*b'mod partikolari l-imsemmi paragrafu m'għandux ixekkel l-espressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali, ta' kull xorta, li ma twassalx għal theddid kredibbli u realistiku għal-libertà jew għas-sigurtà personali tal-kwerelant jew għall-proprjetà tiegħu.*

Bl-istess Att Nru. XXIX tal-2023 saret emenda fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 li biha iddaħħal proviso ġdid li jaqra hekk:

*"49. ...Iżda, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe liġi oħra, kliem jew espressjonijiet imlissna jew pubblikati fuq network ta' komunikazzjoni elettronika jew apparat ma għandhomx jikkostitwixxu reat kontra dan l-Att jekk jitlissnu jew jiġu pubblikati bħala parti minn espressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali, ta' kull xorta, u ma jwasslux għal theddid kredibbli u realistiku għal-libertà jew għas-sigurtà personali ta' xi persuna jew għall-proprjetà ta' xi persuna."*

L-imputat jinsab akkużat kemm taħt l-artikolu 339 tal-Kapitolu 9 kif ukoll taħt l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399, u li dwarhom saru l-emendi permezz tal-imsemmi Att XXIX tal-2023.

Din il-Qorti tagħmel referenza għad-deliberazzjonijiet li saru fil-Kamra tad-Deputati speċifikament fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi nhar it-Tlieta, 11 ta' Lulju, 2023 fejn b'referenza għall-artikolu l-ġdid 339(3) tal-Kapitolu 9 (isir l-istess argument sussegwentement għall-proviso għall-artikolu 49 tal-Kapitolu 399) ingħad:

*"ONOR. OWEN BONNICI: Hawnhekk qegħdin nirreferu għall-kontravvenzjoni li jipprospetta l-Kodiċi Kriminali fejn jidħol l-insult. Il-Kodiċi Kriminali tagħna jipprovdi li jekk ikun hemm xi ħadd li jgħid kliem insulenti jew theddid fil-konfront ta' xi ħadd ieħor, jekk jinstab ħati, għandu jeħel multa jew inkella d-detenzjoni prospettata fil-liġi. Hawnhekk qed nagħmluha ċara li dan il-provvediment għandu jħalli lok għal-libertà tal-espressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali ta' kwalunkwe tip bl-iktar mod wiesa', u din m'għandhiex titqies bħala insult jew theddid għall-finijiet ta' dan l-artikolu* ***<u>bil-kundizzjoni li ma twassalx għal theddid kredibbli u realistiku għal-libertà jew għas-sigurtà ta' min għamel il-kwerela</u>*** **[enfazi tal-Qorti]**. *Nemmnu li b'hekk inkunu qegħdin insaħħu iktar il-libertà tal-espressjoni artistika.*

*IĊ-CHAIRPERSON: Iktar rimarki? L-Onor. Karol Aquilina.*

*ONOR. KAROL AQUILINA: Naqblu ma' din l-emenda wara d-diskussjoni li kellna. Just biex niċċaraw għall-futur, għal li jista' jkun xi ħadd jirreferi għal din*

*id-diskussjoni li kien hawn f'dan il-Kumitat, l-emenda kif inhi tfisser li m'hemmx il-ħtieġa li jekk xi ħadd jitressaq il-qorti jrid jiġi ppruvat li vera kien hemm it-theddid,* ***<u>imma li setgħet twassal għal dak it-theddid</u>*** **[enfazi tal-Qorti]**. *Allura qiegħda iktar wiesgħa u iktar ċara li l-exemption li qed tipprovdi l-liġi hija favur l-espressjoni artistika.*

*ONOR. OWEN BONNICI:* ***<u>Naqblu</u>*** **[enfazi tal-Qorti]**.*"*

Illi minn dawn id-dibattiti jidher li hemm qbil li l-għan tal-emendi huwa dak li jiġi rrispettat id-dritt tal-espressjoni, b'dan illi fil-kuntest ta' espressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali, tkun xi tkun ix-xorta' tagħha, persuna jew persuni li f'kuntest ordinarju jitqiesu li jkun insulentaw jew heddew persuna jew persuni oħra u jkunu passibli għal proċeduri kriminali, fiċ-ċirkostanzi tal-espressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali ma jitqiesux li jkunu wettqu insulti jew theddid.

Biss għal dan kollu hemm eċċezzjoni, li dwarha hemm qbil anki fid-dibattiti parlamentari msemmija hawn fuq, li dawk l-insulti u aktar u aktar dak it-theddid, m'għandux ikun tali li jwassal għal theddid kredibbli u realistiku għal-libertà jew għas-sigurtà personali ta' xi persuna jew għall-proprjetà ta' xi persuna.

Din il-Qorti tqis li l-eċċezzjoni msemmija hawn fuq tapplika l-aktar għat-theddid, peress li l-eċċezzjoni titkellem fuq il-ħtieġa li t-theddid, biex ma jiġix ikkunsidrat f'din l-esklużjoni introdotta permezz ta' dawn l-emendi, ċioe biex ma titqiesx bħala eċċezzjoni għal esklużjoni, ikun theddid kredibbli u realistiku. Allura isegwi li nsulti fil-kuntest ta' espressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali, bis saħħa tal-emendi introdotti fl-artikolu 339(3), ma jwassal qatt għar reat kontemplat taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9.

Il-proviso introdott fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 bl-istess mod jeskludi l-ħtija fejn kliem jew espressjonijiet imlissna jew pubblikati fuq network ta' komunikazzjoni elettronika jew apparat jitnisslu fil-kuntest ta' espressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali.

Din il-Qorti tqis li din l-emenda fil-liġi, partikolarment fil-Kapitolu 399, hija waħda ta' applikazzjoni wiesa ħafna peress li taħt espressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali, jaqaw ħafna ċirkostanzi. Fil-każ in deżamina ma hemmx dubbju li dan tal-llum jaqa' f'xi waħda jew iżjed minn dawn l-erba' kategoriji.

Biss l-imsemmija kategoriji jistgħu jinkludu eżempju espressjonijiet li jsiru minn persuni b' mezzi ta' kommunikazzjoni soċjali u mhux bilfors waqt 'theatrical performance'. Il-kelma satira tfisser il-mod normalment umoristiku kif tikkritika lin-nies jew l-ideat biex turi ħsieb, jew aġir difettuż, jew biex turi li huma jkunu żbaljati. Ovvjament kulħadd jista jkollu opinjoni, u mhux bilfors l-opinjoni kkritikata tkun żbaljata jew difettuża. Jista jagħti l-każ li dik il-persuna li tkun qed timmanifesta l-opinjoni tagħha sempliċement jkollha opinjoni differenti. Dan jitlob kawtela fl-eżerċizzju tad-dritt tal-espressjoni, sabiex dak id-dritt ma jnaqqarx l-istess drittijiet ta' espressjoni ta' persuni oħra.

F'dan l-istadju l-Qorti se tgħaddi biex tikkunsidra t-theddid. Sabiex din il-Qorti tasal għal konklużjoni jekk it-theddid li dwaru lmenta l-kwerelant jaqgħax fl-ambitu tal-emendi msemmija hawn fuq u li jiddikriminalizżaw l-atti ta' insulti u theddid fil-kamp artistiku, satirika, komika jew kulturali, trid tanalizza b'reqqa dak it-theddid sabiex tistabbilixxi jekk kienx kredibbli u jekk kellux il-potenzjal li jwassal għal-theddida tal-libertà u tas-sigurtà personali tal-kwerelant jew ta' xi persuna oħra.

Din il-Qorti anki fl-ambitu tal-emendi fil-Liġi tqis li dak li jista jingħad bħala theddida mhux bilfors iwassal għal theddida reali.

L-imputat bħala parti mil-kummiedja tiegħu jgħid li l-kwerelant huwa 'the biggest asshole', jkompli billi jwaqqa l-opinjoni tiegħu bi kliem ieħor li ċertament mhuwiex ta' theddid lejh, u fl-aħħar tal-filmat jinstema jgħidlu "fuck you" u "fucken asshole" u anki jagħmel ġest b'subajh tan-nofs. Pero ftit qabel dawn l-aħħar żewġ insulti huwa jinstema jgħid ukoll, allegatament bħala repetizzjoni ta' ċajta minn certu Matt Bonanno: "certain Pastors who actually should be carpet bombed". Din hija fil fatt l-unika parti li tista titqies bħala theddida. Jekk hijiex waħda reali jew jekk hijiex eskluża bl-emendi li ssemmew hawn fuq hija kwistjoni li se tkun qed tiddeċiedi dwarha din il-Qorti.

Din il-Qorti għal fini tal-analiżi tagħha dwar in-natura tat-theddida, sejra tpoġġi fil-ġenb l-emendi msemmija hawn fuq u tittratta l-allegata theddida billi tagħmel referenza għas-sentenza tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Novembru, 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Frendo** fejn l-Onor. Imħallef David Scicluna nterpreta t-theddida bħala biża t'aggressjoni futura:

*"B'referenza ghall-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi theddida vera u proprja ma kienx hemm. Fid-dawl ta' dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Frendo, l-appellant josserva li l-prospett ta' hsara ghandu jkun prospett rejali fis-sens illi meta persuna tghid lil xi hadd li ser tikkommetti fuqu xi aggressjoni fizika, jehtieg illi dan ix-xi hadd huwa konvint illi min qallu dak id-diskors ghandu l-kapacita` u l-propensita` li jasal."*

Hawnhekk it-theddida tikkonsisti fil-kelma 'carpet bombed'. Il-Qorti tqis li ċertament l-imputat ma għandux il-mezzi biex jeżegwixxi din it-tip ta' theddida. Barra minn hekk fil kuntest li kienet magħmula din it-theddida m'għandiex titqies li din kienet waħda reali, iżda li saret biex l-imputat idaħħaq lill-udjenza fil-kuntest tal-kummiedja li kien qiegħed jirreċta l-imputat.

Imbagħad fil-kuntest tal-emendi ntrodotti, tasal għal konklużjoni li din it-theddida ma kienitx waħda kredibbli u realistika għal-libertà jew għas-sigurtà personali tal-kwerelant.

Din il-Qorti għaldaqstant ma tqisx li l-imputat jista jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

**C. Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti issib lill imputat Daniel Xuereb detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 585292(M) mhux ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom tilliberah.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM--------------------------------**